**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 271/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Karol Ellul**

Illum, 8 ta' Marzu, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Karol Ellul, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 225305L, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar is-6 ta' Settembru 2021 għall-ħabta tas-19:25hrs ġewwa Triq il-Gendus, Bormla:

1. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra, senjatament mutur tal-għamla Wuyi Qiaowei bin-numru ta' identifikazzjoni LOWOS10C201006020 mingħajr liċenzja tas-sewqan;
2. Uza, ġiegħel jew ħalla lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq mingħajr polza tal-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;
3. Kellu vettura bil-mutur fit-triq, kemm ipparkjata, kemm qed tintuża mingħajr ma kellha liċenzja maħruġa mill-Awtorita' għat-Trasport f' Malta u naqas li jġeddidha kull sena.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Minorenni bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Lulju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 3 u 4(4) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ir-Regolamenti 13 u 44 tal-LS 368.2 kif ukoll l-Artikoli 37(2) u 31 tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputat

Karol Ellul ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif miġjuba kontra tiegħu u kkundanatu għal erba' xhur (4) priġunerija, liema perijodu ġie sospiż għall-perijodu ta' tmintax -il xahar u dan skond id-dettami tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. *In oltre*, ai termini tal-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti skwalifikat lil Karol Ellul milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tmint ijiem.

Rat ir-rikors tal-appellant, Karol Ellul, ippreżentat fis-17 ta' Lulju 2023, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma, tvarja u tibdel is-sentenza appellata u dana billi tħassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza li fiha huwa nstab ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u kkundanatu għal erba' xhur (4) priġunerija liema perijodu ġie sospiż għall-perijodu ta' tmintax -il xahar u dan skont id-dettami tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll ai termini tal-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti skwalifikatu milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tmint ijiem u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena jew alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata *seduta stante* nhar is-6 ta' Diċembru 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju minnu ventilat, l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ma apprezzatx, b'mod korrett, il-provi miġjuba quddiemha. Jikkontendi illi mill-atti proċesswali jemerġu żewġ nuqqasijiet, u ċioe' illi l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx illi kien hu li kien qiegħed isuq il-mutur fil-jum indikat fiċ-ċitazzjoni kif ukoll li ma ġiex ippruvat in-ness bejnu u bejn il-mutur indikat fl-akkuża. Huwa jisħaq li dawn in-

nuqqasijiet jimminaw serjament il-każ tal-Prosekuzzjoni u li għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħetx u ma kellhiex tasal għal sejbien ta' ħtija fil-konfront tiegħu.

Illi, stante li dan l-aggravju huwa marbut mal-apprezzament tal-provi l-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi, minn eżami akkurat tal-atti proċesswali, senjatament mill-*affidavits* ta' PC 737 K. Underwood, PC 2442 M. Pace u PC 136, jirriżulta li nhar is-6 ta' Settembru 2021, l-uffiċjali tal-Pulizija msemmija kienu qegħdin fuq ronda fi Triq il-Pellegrinaġġ, Bormla, fejn innotaw "**żewġ muturi, wieħed ta' lewn iswed u l-ieħor ta' lewn blu, it-tnejn mingħajr pjanċi ta' reġistrazzjoni, jinstaqu għal Triq il-Gendus minn Triq Dom Mintoff, b'ksur tas-sinjal tal-'*One Way*'**". Jirrizulta ukoll li kif dawn iż-żewġ sewwieqa, li t-tnejn kienu lebsin elmu, raw il-Pulizija, dawru id-direzzjoni u ħarbu b'veloċità' għal fuq il-pont li jaqsam mix-xatt ta' Bormla għal ħdejn l-*American University of Malta* – "**U dan b'periklu għall-persuni li kienu għaddejjin minn hemmhekk**". Il-Pulizija, kif raw hekk, saqu 'l fuq, lejn Triq Santa Tereza, "**fejn hemm innutajna żewġ żgħażagħ ħerġin b'ħeffa minn garage fl-Isla u ġie mmedjatament suspettat illi l-muturi kienu ddaħħlu hemm**". Dawn iż-żgħażagħ ġew avviċinati mill-pulizija, fejn irriżulta li wieħed minnhom kien l-appellant Karol Ellul u l-ieħor kien ċertu Izmael Dimech - "**Karol u Izmael ġew infurmati b'dak kollu li ġie nnutat mill-pulizija u li kien jeħtieġ li huma jakkompanjaw lill-pulizija sal-garaxx li fih kien hemm il-muturi. Kif wasalna quddiem il-garaxx, Karol u Izmael saħqu li huma ma kellhomx ċwievet ta' dan il-garaxx u b'hekk il-pulizija għamlet kuntatt ma' sid**

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Diċembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Diċembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

**il-garaxx, ċertu Ronald Ghiller**". Meta dan Ghiller fetaħ l-imsemmi garaxx, il-Pulizija mal-ewwel innutaw żewġ muturi, wieħed blu mingħajr pjanċa u wieħed iswed bi pjanċa li kienet tindika fost oħrajn in-numru LOWOS10C201006020 fost kliem ieħor fejn kien indikat l-għamla tiegħu, u l-ispeċifikazzjonijiet tal-mutur flimkien mal-kliem "*Off Road Use Only*". Ġie nnutat ukoll li dawn il-muturi kienu jaqblu bħala deskrizzjoni mal-muturi li l-pulizija kienu osservaw fit-triq ftit tal-ħin qabel, kif ukoll li l-magni tal-istess muturi kienu għadhom sħan. Innutaw ukoll li maġenb dawn il-muturi kien hemm żewġ elmi. Ghiller intant stqarr mal-Pulizija li dawk il-muturi ma kienux tiegħu. Finalment, PC 737 stqarr li waqt li "**jiena kont qiegħed ħdejn il-mutur il-blu, Izmael ġie biex iqaċċat parti mill-mutur waqt li beda jgħid li l-mutur kien tiegħu**".

Illi, fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jibda' biex jisħaq li "*l-prosekuzzjoni sejset l-akkuzi kollha f'dan il-kaz unikament fuq it-testimonjanzi tat-tlett Pulizija li kienu involuti f'din l-investigazzjoni u cioe l-affidavits ta' PC 2442, PC 136 u PC 737, liema affidavits huma ta' natura finali u dan għaliex ma kien hemm l-ebda kontro-ezami jew ri-ezami tal-istess Ufficjali tal-Pulizija*". Illi l-Artikolu 360A tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu jfassal il-proċedura li għandha tkun segwita meta l-evidenza tal-Prosekuzzjoni issir permezz tax-xiehda bl-affidavit fi proċeduri sommarji, hemm hekk dispost: –

**(1) Fi proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali taħt l-artikolu 370(1) il-Pulizija tista', flimkien maċ-ċitazzjoni jew f'kull waqt li jiġi wara, tinnotifika lill-akkużat kopji ta' kull affidavit magħmul minn uffiċjal pubbliku jew minn impjegat jew uffiċjal ta' korp magħqud imwaqqaf b'liġi jew minn rappreżentant ta' xi intrapriża, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi u li għandu jinġieb bħala xhud tal-prosekuzzjoni f'dawk il-proċeduri kif ukoll dokumenti li jkunu se jinġiebu bħala provi fl-istess proċeduri, u jekk l-akkużat ikun irid jagħmel kontro-eżami lil xi persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lilu kif hawn aktar qabel imsemmi, huwa għandu, mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, javża b'dan lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ittra reġistrata u malli dan, il-persuna li jrid isirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fil-proċeduri:**

**Iżda għall-finijiet ta' dan is-subartikolu il-kelma"dokument" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 558**

**Iżda wkoll meta jirriżulta li ma kienx possibbli għall-imputat li jagħti avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija fiż-żmien provdut kif imsemmi qabel, dak l-avviż li huwa jkun jixtieq jagħmel il-kontro-eżami jista' jingħata matul l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, f'liema każ il-persuna li għandu jsirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fis-seduta li jkun imiss.**

**(2) Il-persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lill-akkużatkif provdut fis-subartikolu (1) ma għandhiex titħarrek biex tixhed fil-proċeduri jekk l-akkużat jonqos milli jagħti avviż tal-ħsieb tiegħu li jagħmel kontro-eżami lil dik il-persuna kif provdut f'dak is-subartikolu u dak l-affidavit għandu jkun ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tiegħu f'dawk il-proċeduri bl-istess mod bħallikieku kien xiehda mogħtija viva voce fil-preżenza tal-akkużat.**

Illi, mill-Atti Proċesswali jirriżulta li l-appellant qatt ma talab sabiex PC 737, PC2442 u PC 136 jittellgħu jixhdu in kontro-eżami bil-għan li dawn jiġu mistoqsija dwar il-kontenut tal-*affidavits* magħmulha minnhom. Jikkonsegwi għalhekk illi ġaladarba dan ma sarx, l-*affidavits* ippreżentati mill-Prosekuzzjoni huma ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tagħhom f'dawn il-proċeduri bl-istess mod daqslikieku x-xhieda xehdu *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti. *In oltre,* din l-Qorti ma tara l-ebda raġuni valida 'il għaliex għandha tiddubita mill-kontenut ta' dawn l-istess *affidavits* kif ukoll mill-verżjoni mogħtija mill-istess uffiċjali tal-Pulizija misjuba fl-istess.

Illi stabbilit kwindi illi l-verżjoni mogħtija mill-uffiċjali tal-pulzija li investigaw dan il-każ hija waħda attendibbli, jikkonsegwi illi l-provi indizzjarji li jemerġu minn din it-testimonjanza jassumu rwol importanti ħafna u jagħtu stampa ċara tad-dinamika ta' l-istess inċident u l-persuni nvoluti fl-istess. Ovvjament, bħal kull prova indiretta oħra, jridu jkunu tali li jwasslu għall-konkluzzjoni univoka u li biha l-ġudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubbju dedatt mir-raġuni mill-ħtija jew responsabbiltà kriminali tal-imputat jew akkuzat.

Illi, kif ġie deċiz fil-kawza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta v George Spiteri", kien ritenut illi:–

**'L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista'**

**ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi'[2].**

Illi, ukoll, il-gurista Ingliz C.B. Pollock, ukoll jitfa' dawk fuq il-kunċett tal-provi ndizzjarji billi jgħid hekk kif isegwi –

> ***'It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus, it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of... (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice).***

Issa għalkemm huwa minnu li l-Pulizija ma rawx il-persuni li kienu qed isuqu il-muturi minn wiċċhom billi dawn kienu lebsin elmu, madanakollu kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha hemm biżżejjed provi li jindikaw illli kien proprju l-appellant li kien qed isuq wieħed mill-muturi fil-jum indikat fiċ-ċitazzjoni u dan għaliex:–

(i) Jirriżulta li ż-żewġ muturi li raw il-Pulizija jinstaqu fit-triq kienu wieħed ta' lewn blu u l-ieħor iswed, b'muturi identiċi jkunu misjuba aktar tard ġewwa l-garaxx ta' Ronald Ghiller, mill-liema garaxx il-Pulizija osservaw lill-appellant u lil Izmael Dimech ħerġin bil-ħeffa ftit tal-minuti qabel. Dak li jikkontendi l-appellant, għalhekk, li huwa ma kellux iċ-ċwievet ta' dan il-garaxx huwa għal kollox inverosimili.

(ii) Jirriżulta ukoll li l-muturi in kwistjoni kellhom il-magna tagħhom għadha sħuna li jfisser illi ma kenux ilhom li nstaqu u allura dan l-indizju jaqbel perfettament ma' dak mistqarr mill-Pulizija, meta osservaw il-muturi aktar

[2] Deċiża 5 ta' Lulju 2002

'il fuq it-triq u osservaw lill-appellant u lil Dimech ħerġin mill-ħeffa mill-*garage* ta' Ronald Ghiller.

(iii) Il-Pulizija isewgu it-trajjetorja li jieħdu l-muturi, u mill-lok minn fejn l-aħħar osservawhom fuq it-triq osservaw lill-appellant u lil sieħbu ħerġin minn garaxx fejn imbagħad, kif ingħad, instabu dawn l-istess muturi.

(iv) Nies oħra fl-akwati fejn dawn iż-żgħażagħ kienu nterċettati mill-pulizija ma kienx hemm, kuntrarjament għal dak li jikkontendi l-appellant li kien hemm xi żgħażagħ oħra.

Illi abbinati ma' dawn il-provi jirriżulta ukoll mix-xiehda ta' Ronald Ghiller, sid il-garaxx, illi l-appellant u sieħbu Dimech kellhom aċċess għall-garaxx tiegħu għaliex huma kienu ħbieb mat-tifel tiegħu Russell Ghiller li kien għaddielhom kopja taċ-ċavetta u kienu jużaw dan il-garaxx jew *boathouse* biex jmorru jilgħabu fih. Kwindi abbażi ta' dawn il-provi huwa indubitat illi kien proprju l-appellant wieħed miż-żewġ żgħażagħ li kienu interċettati jsuqu il-muturi mill-pulizija u ħadd iktar.

L-appellant jikkontendi ukoll illi ma ġiex stabbilit ness bejnu u bejn il-mutur kif indikat fiċ-ċitazzjoni fejn huwa kien mixli li kien qed isuq il-mutur identifikat bl-ittri u numri LOWOS10C2C201006020. Jisħaq illi ma hemm ebda prova fl-atti li kien hu l-persuna li kien qed isuq dan il-mutur partikolari u mhux il-mutur l-ieħor identifikat bil-lewn blu u mingħajr pjanċi. L-uniku prova li hemm fil-fehma tiegħu huwa dak mistqarr minn Izmael Dimech li stqarr ma-pulizija li il-mutur ta' lewn blu kien tiegħu. Dikjarazzjoni li fil-fehma tal-appellant kellha tiġi skartata billi miksuba kontra l-kawteli statutorji mogħtija fil-liġi lil persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat li kien ukoll minorenni. Kif lanqas, fil-fehma tal-appellant ma tista' tintuża bħala prova ir-riċevuta iffirmata mill-appellant eżebita in atti a fol.32.

Issa huwa minnu, kif jikkontendi l-appellant illi meta iż-żewġ żgħażagħ kienu interċettati qed isuqu l-muturi l-Pulizija ma setgħux jidentifikaw min kienu għaliex kienu lebsin elmu, u meta imbagħad osservawhom ħerġin bil-pass mill-garaxx ta' Ghiller ma kienx possibbli sa dak il-ħin jidentifikaw min minnhom it-tnejn kien qed isuq liema mutur. Dan magħdud, madanakollu fil-mument li daħlu lura fil-garaxx,

Izmael Dimech wera biċ-ċar illi il-mutur blu kien jappartjeni lilu mhux biss għax stqarr dan mal-pulizija, minn jeddu, mingħajr ma ġie mistoqsi, iżda ukoll għaliex qabad u qaċċat parti minn dan il-mutur, u dan kif xehed PC737 Underwood, sabiex b'hekk kien hemm indikazzjoni ċara li huwa kien qed jirreklama dan il-mutur bħala proprjeta' tiegħu u kwindi li kien proprju hu li saq l-imsemmi mutur. Dan allura jfisser illi kien Dimech li saq il-mutur blu filwaqt li allura l-appellant saq il-mutur l-ieħor. Illi l-appellant, imbagħad ma jressaq ebda prova sal-grad tal-probabbli sabiex jikkontradixxi din l-evidenza. Għaldaqstant, din l-Qorti ma għandiex dubbju li kien l-appellant il-persuna li kien qed isuq il-mutur indikat fl-akkuża u dan meta kemm il-provi diretti kif ukoll dawk indizzjarji jippuntaw lejn direzzjoni tar-reita' kif mixli. Illi l-analiżi tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti kienet ferm dettaljata u din il-Qorti ma tara li hemm ebda motiv la fattwalment u lanqas legalment li jista' jwassalha titbiegħed minnha.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għall-ġudizzju ta' din l-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn l-appellant jilmenta illi din kienet waħda manifestament sproporzjonata. Jikkontendi illi l-Qorti kellha tieħu in konsiderazzjoni l-fatt illi huwa kien għadu taħt l-eta', u li l-fedina penali tiegħu hija nadifa, biex b'hekk il-piena karċerarja, għalkemm sospiża, ma kenitx proporzjonata għall-infrazzjonijiet minnu kommessi. Finalment jisħaq li l-Ewwel Qorti kellha tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 37(2) tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tiegħu stante li fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reati huwa kellu biss sittax -il sena.

Illi, jibda biex jingħad illi huwa evidenti mill-artikoli tal-liġi iċċitati fid-*deċide,* illi l-Ewwel Qorti applikat l-artikolu 37(2), abbinat mal-artikolu 31 tal-Kodiċi Kriminali meta ġiet għal kalibrazzjoni tal-piena sabiex b'hekk ma hemmx dubbju illi l-piena hija waħda li fiha sar it-tnaqqis kif maħsub fl-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi. Illi mbagħad huwa indubitat illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda fil-parametri tal-liġi. Illi l-piena għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 hija dik tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta'

mhux iżjed minn sena. L-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 imbagħad jikkontempla l-piena tal-multa ta' mhux anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda ta' mhux iżjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien. Finalment ir-Regolament 44 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 jfassal il-piena għar-reat imħaddan fit-tielet imputazzjoni tal-multa ta' mhux aktar minn €235 jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur. Illi għalkemm l-Ewwel Qorti setgħet fid-diskrezzjoni tagħha tapplika l-piena tal-multa, li f'dan il-każ għandha tonqos bi grad għal dik tal-kontravvenzjonijiet[3], madanakollu għażlet li tapplika dik tal-priġunerija. Jingħad madanakollu li għal xi raġuni, li ma toħroġx mis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti għażlet li tinfliġġi il-piena l-iktar gravuża fuq l-appellant u waħda ukoll li tqarreb lejn il-massimu, tenut kont li l-appellant kien għadu minorenni fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reati lilu addebitati. Illi l-Qorti ma tarax illi dan kellu jsir u kellhom jitwarrbu dawk il-konsiderazzjonijiet li l-qrati dejjem iqisu meta jiġu biex, fid-diskrezzjoni mogħtija lilhom fil-liġi, jgħaddu għal kalibrazzjoni tal-piena. L-appellant kien żagħżugħ ta' sittax-il sena meta ikkommetta r-reati lilu addebitati. Mill-fedina penali aġġornata tiegħu ippreżentata issa fi stadju ta' reviżjoni, ma jidhirx illi miż-żmien tal-kummissjoni tar-reati lilu addebitati, u li dwarhom instabet il-ħtija, kien hemm xi infrazzjonijiet oħra tal-liġi, billi l-fedina penali tal-appellant kienet u baqgħet waħda nadifa. Il-Qorti ma tarax għalhekk illi l-appellant għandu jkun ikkundannat għal sentenza ta' priġunerija għalkemm waħda sospiża. B'daqshekk in-nuqqas minnu kommess ma huwiex wieħed li b'xi mod qed ikun ġustifikat minn din il-Qorti, billi dan seta' kellu konsegwenzi serji. Madanakollu lanqas ma tara li l-Ewwel Qorti kellha timxi b'kejl differenti minn dak li ġeneralment jintuża f'ċirkostanzi simili u speċjalment fejn il-ġudikabbli jkun persuna taħt l-eta', b'fedina penali nadifa. Għaldaqstant hemm lok għal varjazzjoni fil-piena u dan l-aħħar aggravju qed ikun milqugħ.

[3] Artikolu 31(1)(g) Kodiċi Kriminali.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell parzjalment, tgħaddi għalhekk biex tirriforma is-sentenza appellata. Tikkonfermaha fejn l-appellant kien misjub ħati ta'l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, iżda tvarja il-piena inflitta, u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkomettiex reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Finalment tikkonferma l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal żmien tmint ijiem li jibdew jiddekorru mid-9:00 ta' għada fil-għodu.**

**Il-Qorti wissiet lill-appellant bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu ta' libertà kondizzjonata.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**